

32003D0224

1.4.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 83/70

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Marzu 2003

dwar il-pubblikazzjoni tar-referenza ta' l-istandard EN 1495:1997 "Il-pjattaformi tar-rfiġh - pjattaformi tax-xogħol għat-tixbit ma' l-arbli" skond id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2003) 831)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2003/224/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkonsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkonsidrat il-Direttiva 98/37/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-makkinarju ⁽¹⁾, kif emendata bid-Direttiva 98/79/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Wara li kkonsidrat l-opinjoni tal-kumitat permanenti stabbilit skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li jstabbilixxi proċedura għall-provvediment tat-tagħrif fil-qasam ta' l-i *standards* u r-regolamenti tekniċi ⁽³⁾, kif emendata bid-Direttiva 98/48/KE ⁽⁴⁾,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2 tad-Direttiva 98/37/KEE jippovdi illi l-makkinarju jista' jitqiegħed fis-suq u jitħaddem biss jekk ma jipperikolax is-sigurtà tal-persuni, ta' l-annimali domestiċi u tal-proprjetà, meta stallat u miżmum kif jixraq u wżat bil-għan maħsub għalih.
- (2) Meta *standard* nazzjonali li jittrasponi l-i *standard* armonizzat, li r-riferenzi għalih ikunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea, ikopri waħda jew iktar mill-ħtiġiet essenzjali ta' salvagward, il-magna mibnija skond dan l-i *standard* hija preżunta li tissodisfa l-ħtiġiet essenzjali rilevanti.
- (3) L-Istati Membri jridu jipubblikaw ir-referenzi ta' l-i *standards* nazzjonali li jittrasponu l-i *standards* armonizzati li jkunu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.
- (4) Skond l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 98/37/KE, l-Olanda ddepożitat oġġezzjoni formali bl-effett illi l-i *standard* EN 1495:1997 adottat mill-Kumitat Ewropew ta'

l-Istandardizzazzjoni (CEN) fil-21 ta' April 1997 u li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewrope ⁽⁵⁾ fit-13 ta' Marzu 1998 ma jissodisfax għal kollox il-ħtiġiet essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà.

- (5) Il-Kummissjoni tirrikonoxxi illi l-użu tal-makkinarju intressat jista' jkun ta' periklu, għadarba l-i *standard* EN 1459:1997 jonqos milli jissodisfa l-ħtiġiet essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà li għandhom x'jaqsmu mad-disinn u l-kostruzzjoni tal-makkinarju u tal-komponenti tas-sigurtà 1.5.15 "Ir-riskju taż-żliq, tat-tfixkil jew ta' l-uqigħ", 1.7.4 "Struzzjonijiet" u 6.3 "Ir-riskju li l-persuni jaqgħu minn fuq it-trasportatur". Rigward il-paragrafu 5.3.2.4, l-aħħar sub-paragrafu tas-7.1.2.12, it-tabla 8 u l-figura 9 ta' l-i *standard* EN 1495:1997 b'mod patikolari, il-Kummissjoni tikkonsidra illi l-qisien meħuda fid-disinn u l-kostruzzjoni tal-pjattaforma ma jippermettux li jiġi ggarantit livell għoli tas-sigurtà fl-użi kollha previsti tal-prodott.
- (6) Fl-interess tas-sigurtà u taċ-ċertezza legali, il-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' dan l-i *standard* għandhom ikunu akkumpanjati bi twissija approprijata u l-Istati Membri għandhom iżidu twissija identika fl-i *standards* nazzjonali tagħhom meta jittrasponi l-i *standard* EN 1495:1997.
- (7) Ir-referenza għall-i *standard* EN 1495:1997 għandha tiġi ppubblikata mill-ġdid kif jixraq,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenza ta' l-i *standard* EN 1495:1997 hija mibdula bit-test idikjarat fl-Anness.

⁽¹⁾ ĠU L 207, tat-23.7.1998, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 331, tas-7.12.1998, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.

⁽⁴⁾ ĠU L 217, tal-5.8.1998, p. 18.

⁽⁵⁾ ĠU C 78, tat-13.3.1998, p. 2.

Artikolu 2

Meta, skond l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 98.37/KE, L-Istati Membri jippubblikaw ir-referenzi ta' *standard* nazzjonali li jittrasponi l-i *standard* EN 1495:1997 armonizzat, għandhom iżidu ma' din il-pubblikazzjoni twissija identika għal dik ipprovduta fir-referenza ta' l-i *standard* 1495:1997 kif iddikjarata fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Marzu 2003.

Għall-Kummissjoni

Erkki LIIKANEN

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Il-pubblikazzjoni tat-titoli u r-referenzi ta' l-istandards armonizzati Ewropej skond id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

OEN ⁽¹⁾	Referenza	Titoli ta' l-i standards armonizzati
CEN	EN 1495:1997	Il-pjattaformi tar-rfiġh - pjattaformi tax-xogħol għat-tixbit ma' l-arbli

Twissija: Din il-pubblikazzjoni ma tirrigwardax il-paragrafu 5.3.2.4, l-aħħar subparagrafu tas-7.1.12, it-tabella 8 u l-figura 9 ta' l-i standard EN 1495:1997, li rigward tiegħu ma tagħti l-ebda preżunzjoni ta' konformità mad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 98/37/KE.

⁽¹⁾ OEN (European standardisation body):

- CEN: rue de Stassart 36, B-1050 Bruxelles, tel. (32-2) 550 08 11, fax (32-2) 550 08 19.
- CENELEC: rue de Stassart 35, B-1050 Bruxelles, tel. (32-2) 519 68 71, fax (32-2) 519 69 19.
- ETSI: 650, route de Lucioles, F-06921 Sophia Antipolis Cedex, tel. (33-4) 92 94 42 00, fax (33-4) 93 65 47 16.

Nota:

Kull tagħrif li jirrigwarda d-disponibbiltà ta' l-i standards jista' jinkiseb jew mill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni jew mill-korpi nazzjonali ta' l-istandardizzazzjoni, li lista tagħhom hija annessa mad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Il-pubblikazzjoni tar-referenzi fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropea* ma timplikax illi l-i standards huma disponibbli fl-ilsna kollha tal-Komunità.

Il-Kummissjoni tiżgura l-aġġornament ta' din il-lista.

Iktar standards armonizzati li għandhom x'jaqsmu mal-makkinarju ġew ippublikati f'edizzjonijiet ta' qabel tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*. Lista sħiħa aġġornata tista' tinstab fuq is-server Europa fl-Internet fi:

<http://europa.eu.int/comm/enterprise/newapproach/standardization/harmstds/reflist/machines.html>.

⁽¹⁾ ĠU L 204, tal-21.7.1998, p. 37.